# 66. Il-X ta’ Settembru 1941

Oh! kieku kellek tħares ġewwa qalbi,
Eva, illum, xi ħlewwa u xi sbuħija
tara ġo fiha, u liema daqq u għana
tisma’ f’widnejk!

Illum jagħalqu tlitt snin li ilna ninħabbu;
fis-skiet ta’ triq tal-belt, ftakar, iltqajna,
u ħlifna mħabba safja u dewwemija
f’dil-ħajja u fl-oħra;

Fuq fergħa twila ta’ ġol-bosk ta’ qalbi
it-tnejn nitbandlu llum bandla ferħana;
il-frak tal-ward u l-boċċi taċ-ċirasa
jaqgħu f’ħoġorna;

Fil-kor tal-għanja tal-imħabba tagħna
jinstema’ l-leħen tal-wied twil tal-qasab,
u tad-durrgħajs imxerred qalb il-weraq,
u tan-nixxiegħa;

U l-ikla tagħna mhejja mill-Fatati,
Fatati ta’ ġol-bosk u tal-għelieqi,
Fatati tax-xtajtiet, u r-riħa tagħha
taqsam il-qlub!

Oh! kieku kellek tħares ġewwa qalbi,
Eva, illum, xi ħlewwa u xi sbuħija
tara ġo fiha, u liema daqq u għana
tisma’ f’widnejk!